31998R2194

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2194/98

tat-12 t' Ottubru 1998

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2629/97 fir-rigward ta' tabelli mal-widnejn fil-qafas tas-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 tal-21 t' April 1997 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini u dwar l-ittikkettjar taċ-ċanga u prodotti taċ-ċanga [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(a) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-KUmmissjoni (KEE) Nru 2629/97 [2], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1177/98 [3], jistabbilixxi regoli dettaljati dwar it-tikketti tal-widnejn, reġistri tal-fondi u passaporti fil-qafas tas-sistema ta' l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini;

Billi biex jiġu evitati diffikultajiet fil-qasam tal kummerċ ta' annimali tal-ifrat ġewwa l-Komunità u biex jiġu ċċarati r-regoli kurrenti, huwa meħtieġ li wieħed jawtorizza lil min irabbi biex jixtru bil-quddiem, jekk jixtiequ jagħmlu dan u f'konformità mad-disposizzjonijiet nazzjonali, il-kwantità xierqa ta' tikketti tal-widnejn biex ikopru l-ħtiġijiet tagħhom għal perijodu ta' mhux aktar minn sena;

Billi r-Regolament (KE) Nru 2629/97 għandu jkun emendat skond dan;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanzija Agrikola,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2629/97, il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud:

"5. Dawk li jrabbu huma awtorizzati jixtru bil-quddiem, jekk jixtiequ u f'konformità mad-disposizzjonijiet applikabbli nazzjonali, il-kwantitajiet ta' tikketti tal-widnejn xierqa biex ikopru perijodu ta' mhux aktar minn sena. Fil-każ ta' fondi li m'għandhomx aktar minn ħames annimali, l-awtorità kompetenti jistgħu jipprovdu bil-quddiem ħames pari ta' tikketti tal-widnejn."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Ottubru 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 117, tas-7.5.1997, p. 1.
[2] ĠU L 354, tat-30.12.1997, p. 19.
[3] ĠU L 163, tas-6.6.1998, p. 19.